TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 207/14/GB

**M'Grace Vella**

**vs**

**Mecca Enterprises - Nikol Chetcuti**

Illum 10 ta' Dicembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Ottubru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hamsa u disghin Ewro (€95.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'tricycle', li nxtara minghand l-intimat, liema 'tricycle' kien difettuz.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas m'attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'tricycle' minghand l-intimat, u l-ewwel darba li ntuza, inqalghat ir-rota. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti lmentat mal-intimat, pero' huwa ma offra l-ebda soluzzjoni, u ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda titlob li tinghata l-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi ma kienitx f'pozizzjoni li tipprezenta ricevuta ghat-'tricycle' in kwistjoni stante illi tali ricevuta kienet fil-portmoney taghha, liema portmoney kien insteraq fid-19 ta' Lulju 2014. Ikkonfermat pero' illi hija kienet wriet l-imsemmija ricevuta lill-MCCAA.

Ir-rikorrenti ezebiet ir-rapport tal-Pulizija rigwardanti s-serq tal-portmoney taghha, datat 19 ta' Lulju 2014, li gie mmarkat bhala Dok.MV1; flimkien ma' sett ta' erbgha (4) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.MV2.

It-Tribunal, wara li ra r-Regolament numru 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li l-intimat ipprezenta r-risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta tal-intimat u ddikjara li l-intimat baqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu ghat-talba in kwistjoni fit-terminu impost mill-Ligi, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi l-intimat naqas fis-servizzi tieghu lejn ir-rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna li l-intimat jiehu lura t-'tricycle' in kwistjoni u jhallas l-ammont ta' hamsa u disghin Ewro (€95.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**